LEĦEN IS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ



Ħarġa nru. 79

Jannar - Frar 2014

Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@beirgu.com

Olde City Pub
is the Best

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

Manufacturers of all types of Wooden Mouldings

Showrooms at the Factory and
80, St. Joseph High Road, Ħamrun

SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS

Kejkijiet għall-Parties tat-tfal

Aġħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,
Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew
e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Il-Kelma tal-President

Lawrence V. Farrugia

Inħarsu b'sodisfazzjon lejn is-sena 2013 meta naraw ir-riżultati u l-progress li s-Soċjetà tagħna rnexxielha tikseb b'sagrifiċċji personali tal-membri tal-Kumitat kif ukoll ta' ndividwi oħra li għandhom għal qalbhom il-Każin tal-Banda San Lawrenz, minkejja li t-tfixkil ma naqasx. Mhux il-ħsieb tiegħi li nidħol fid-dettal imma żgur ma nistax ma nsemmix il-proġett tat-tisbieħ tas-sular t'isfel li issa sar restaurant bi kċina moderna, Bar u faċilitajiet ta' toilets ġodda.

Bdejna sena ġdida u quddiemna għandna programm ta' ħidma intensiva li bl-entużjażmu tal-Kumitat u l-għajnuna tal-Benefatturi tagħna, ninsab konvint li sejrin nwettquh.

Fl-aħħar xhur tas-sena ngħata bidu għar-restawr tal-faċċata. Għalkemm dan il-proġett qiegħed isir mill-Gvern Ċentrali, hemm ċertu xogħol li huwa responsabbiltà tal-Każin, bħal koordinament biex waqt li qiegħed isir ix-xogħol, il-Każin jibqa' jiffunzjona. Hemm ukoll l-inżul tal-arblu ta' quddiem li sakemm jerġa' jitpoġġa ssirlu l-manutenzjoni meħtieġa. Irid isir it-tibdil tal-gallarija tal-injam u manutenzjoni tal-iskultura li se terġa' tintuża. It-tbdil tal-gallarija li qed tinħadem minn Sacco Woodworks hija responsabbiltà u se titħallas mill-Każin. Meta din titpoġġa ikun ifisser li fl-aħħar snin inkunu biddilna l-aperturi kollha tal-faċċata. Nittamaw li dan il-proġett jitlesta sa qabel il-Festa u nemmnu li l-faċċata artistika tal-Każin sejra tkun iċ-ċentru t' attrazzjoni ġewwa l-pjazza għaliex bir-restawr li qiegħed isir ħafna xogħol ta' lavur u skultura qiegħed jinkixef.

Ftit taż-żmien ilu konna tajna bidu biex isir Leġiju ġdid li jixraq lil wieħed mill-isbaħ planċiera li hawn fi gżiritna. Wara li l-mibki disinjatur Salvu Bugeja ma rnexxilux jagħmel id-disinn saru arranġamenti mal-artist Renzo Gauci u wara li lesta l-ingrandiment kellna nwaqqfu dan il-proġett minħabba li s-Soċjetà kellha commitments finanzjarji oħra u għalhekk dan ix-xogħol ġie pospost sakemm jinstabu l-finanzi meħtieġa biex nevitaw li nitfgħu piż żejjed fuq il-Każin għaliex dan jiswa eluf ta' ewro. Xahar ilu kellna laqgħa ma' wieħed mill-Benefatturi tagħna li għandu għal qalbu l-Każin u aċċetta li jiffinanzja dan il-proġett. Uffiċċjali tal-Każin diġà ltaqgħu ma' Sacco Woodworks li se jagħmlu dan ix-xogħol u li jekk ma jinqala' xejn jiġi nawgurat fil-programm tas-7 t' Awwissu ta' din is-sena.

Wara li s-sena l-oħra saret is-sopraporta tal-loġġa ta' fuq, issa tlestew il-ħames sopraporti bl-iskultura tal-kurutur tal-ewwel sular li qegħdin jiġu miżbugħa b'xejn minn Twanny Farrugia. Qegħdin nistennew stima biex nagħmlu sett ta' purtieri sbieħ għall-ġranet tal-festa għaliex ta' kuljum diġaċ saru. Wara nkunu nistgħu nibdew il-kuntatti biex insibu benefattur biex iħallas għalihom.

Is-sala tal-billiard tal-Każin hija post fejn il-membri u ħbiebhom jgħaddu ħafna mill-ħin tagħhom l-aktar fil-ġranet tax-xitwa. Il-Kumitat għadu mhux kuntent bl-imġieba tal-ftit li jdejqu wkoll lil sħabhom. Wieħed mill-benefatturi kbar tal-Każin irregalalna pannu ġdid li dan ix-xahar jitpoġġa fuq il-mejda tal-membri u dak eżistenti jitpoġġa fuq il-mejda l-oħra. Napprezzaw jekk dawk kollha li jagħmlu użu minn din is-sala jieħdu aktar ħsiebha.

Dawn huma ftit mix-xogħlijiet li għandna quddiemna. Imma barra mill-ħafna attivitajiet u l-manutenzjoni li għandu l-Każin għandna ħafna proġetti oħra li nixtiequ li nwettqu jekk insibu min jimpenja ruħu u joffri ftit mill-ħin tiegħu. Xi ħaġa li nixtiequ li nagħmlu din is-sena hija ż-żebgħa tal-ħitan minn ħdejn is-sala tal-arkivju sa isfel u l-intrata. Dan irid isir mill-volontiera għaliex il-Każin ma jistax jerfa' dan il-piż.

Dan il-programm ta' xogħol huwa prova ta' kemm il-membri tal-Kumitat qegħdin jaħdmu biex is-Soċjetà tagħna tkun fost l-ahjar. Imma hemm bżonn ta' aktar interess mill-Membri. Aħna miftuħin għall-kritika kostruttiva u napprezzaw ħafna meta xi ħadd jiġbdilna l-attenzjoni dwar dak li nkun sejrin jew qegħdin nagħmlu. Għandna żewġ okkażjonijiet li huma ta' nteress għall-membri kollha. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali skedata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar fejn jingħata rapport amministrattiv tal-Kazin u dak finanzjarju għas-sena 2013. It-tieni data hi l-Ħadd 23 ta' Frar fejn sejjer isir seminar ta' nofs ta' nhar u min irid jista' jibqa' għall-ikel ġewwa Lukanda fejn waħda mit-temi prinċipali se tkun it-tmexxija tal-Każin issa u 'il quddiem. Għal dan is-seminar kulħadd jista' jattendi anke dawk li m'humiex membri. Aktar dettalji ssibuhom fl-avviż li qiegħed jidher f'din il-ħarġa.

Bdejna l-erbatax il-sena tal-pubblikazzjoni 'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz' li għal dawk responsabbli minn dan ix-xogħol kif ukoll il-kontributuri regolari għandhom impenn ieħor mal-ħafna oħrajn. Il-Kummissjoni responsabbli minn dan ix-xogħol tagħmel minn kollox biex il-Każin jerfa' mill-anqas l-ispejjeż. Imma l-ispejjeż dejjem jiżdiedu u issa erġajna ġejna iffaċċjati biż-żidiet fil-posta, fejn kull ħarġa irridu nibgħatu 120 bil-posta. Għalhekk napprezzaw ħafna jekk dawk li joqogħdu barra mill-Birgu jgħinuna biex nagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Nixtiequ wkoll naraw artikolisti ġodda fil-futur. Hemm ħafna li jirċievu din il-pubblikazzjoni u li ghandhom abbiltà u pinna tajba. Jekk inqallbu fit-78 pubblikazjoni insibu ħafna informazzjoni li setgħet tintilef u mill-kummenti li nirċievu nifhmu li qegħdin nagħtu servizz tajjeb imma jista' jkun aħjar.

Nawgura li s-sena 2014 tkun sena ta' suċċess għall-Għaqda tagħna.

Werrej

Il-Kelma tal-President 3
Mill-Birgu tal-Imgħoddi Residenti Lhud fil-Birgu
Skola Distintiva f'din il-Belt 4
Is-Seba' Bukkuni f'Jum id-Duluri
Messaġġ mill-Arċipriet 5
Indawru paġna u niftħu oħra 6
Fejn ninsabu u fejn sejrin 7
Attivitajiet Novembru/Diċembru 8
Għeluq il-mitt sena mit-twelid tas-Surmast Hector Dalli 9
Għalina n-Nisa 10
Il-Banda Vittoriosana
San Lawrenz fil-Milied 11
Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Ġorġ Agius 12-13
Attività għax-xahar ta' Jannar/Frar 14

Editur
Simon Farrugia

Proofreading
Bjorn Callus

Ritratti
Melvin Degiorgio
Lawrence Parascandolo
Elton Randich
Karmenu Scicluna

Ritratt Faċċata
San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja quddiem il-Palazz tas-Soċjetà

Stampat

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

Mill-Birgu tal-Imgħoddi

minn Anton Attard

Residenti Lhud fil-Birgu

Il-qagħda ta' Malta f'nofs il-Baħar Mediterran u dik tal-Birgu fil-port kenni ta' din il-gżira, kienu nstabu ideali fiż-Żminijiet tan-Nofs għal negozjanti ta' kull xorta. Fost dawn kien hemm ġmielu ta' Lhud li, maż-żmien, il-biċċa l-kbira minnhom kienu għażlu li jiġu jgħixu f'din il-belt. Biex jimportaw u jesportaw il-merkanzija tagħhom kienu jużaw ix-xtajta tat-Toqba. Tant li dik id-daħla għamlet żmien magħrufa bħala *Cala degli Ebrei*.

Għażlu jgħixu qrib xulxin fix-xaqliba 'llum magħrufa bħala *Fuq San Flippu* u sakemm iġġarrfet fil-gwerra baqgħu jsibuha bħala t-*Triq ta' Lhud*. Parti żgħira li fadal qrib din it-triq għadha msemmija uffiċjalment hekk sallum. Il-qagħda tagħhom fil-Birgu kienu għamluha permanenti sa anki bnew sinagoga, fejn kienu jipprattikaw twemminhom

Nistħajjel li kienu nies determinati u kuraġġużi, għax in-nies ma tantx ħallewhom jgħixu fil-kumdita', speċjalment meta kienet toqrob il-Ġimgħa Mqaddsa. Mhux l-ewwel darba li l-bibien tas-sinagoga sfaw sfrundati u l-ħsara tkompli fuq ġewwa wkoll. Tul dawk il-jiem, fi triqithom lejn is-sinagoga, kienu jintlaqgħu bit-tfigħ ta' ġebel u insulti oħra, u minħabba f'hekk, xi drabi, ma setgħux imorru jaqdu d-dmirijiet li jitlob twemminhom.

Kien hemm żmien meta anqas setgħu jkomplu bin-negozji tagħhom u kienu mġiegħla jilbsu tunika twila, b'salib kbir abjad miżbugħ jew meħjut fuq id-dahar. Jekk joħorġu wara nżul ix-xemx, kienu obbligati wkoll li jżommu fanal mixgħul f'idejhom.

B'din is-sitwazzjoni umiljanti kienu mweġġgħin ħafna tant li, waqt żjara f'Kastell Sant' Anġlu, tal-Viċi-Re ta' Ferdinandu fi Sqallija, rappreżentanti tal-komunita' Lhudija kienu marru hemm u ressqulu petizzjoni jitolbu protezzjoni biex jinħelsu minn dawn l-umiljazzjonijiet u vjolenza.

"Iż-żminijiet jinbidlu u aħna ninbidlu magħhom". Hekk jgħidu l-għorrief u hekk ġara hawn. Għax in-nies tgħallmet u kulħadd hu ħieles jgħix u jagħżel twemminu bla tfixkil ta' xejn.

Skola Distintiva f'Din il-Belt

Jidher li l-moviment li beda Mikiel Anton Vassalli favur l-ilsien Malti u l-ħeġġa għat-tagħlim biex il-poplu jintrafa' mill-injuranza li kien hawn, għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax, sab art fertili fil-Birgu. Qassis żagħżugħ, flimkien ma' tlieta oħra minn fost il-kleru tal-parroċċa kienu minn ta' quddiem f'tentattiv biex dak li fassal Vassalli jintlaħaq f'din ix-xaqliba.

Dun Mikielanġ Camilleri, f'Jannar tal-1842 fetaħ skola fid-dar kbira, li kienet u aktarx għadha ġġib in- Nru. 6 Triq in-Nofsinhar, fetaħ skola, kemm għal tfal subien u bniet u kemm għal żagħżagħ maskili. Bħala għalliema kellu miegħu lil Dun Luigi Busuttil, lil Dun Franġisk Farrugia u Dun Franġisk Caruana.

Billi dik il-ħabta t-taħlit tas-sessi kien projbittiv, Camilleri sab mezz kif l-iskola tkun aċċessibbli kemm għas-subien u kemm għall-bniet. Il-klassijiet għas-subien kienu jibdew filgħodu kmieni, ftit wara tlugħ ix-xemx, u dawk tal-bniet kienu jsiru tliet darbiet fil-ġimgħa, f'ħinijiet aktar tard, meta jkunu spiċċaw tas-subien. Il-lezzjonijiet għaż-żgħażagħ kienu jibdew wara l-ħin tax-xogħol. B'hekk nistgħu nikkonkludu li minn żmien hekk bikri, fil-Birgu nibtet, aktarx għall-ewwel darba, s-sistema li konna nsejħula *l-iskola ta' billejll* jew kif sejjaħnilhom illum: *evening classes.*

Iżda l-aktar punt importanti ta' din l-iskola kien li wieħed mis-suġġetti kienet il-grammatika u l-ortografija tal-Malti. Fl-istess ħin, l-ispjegazzjoni tas-suġġetti l-oħra kienet issir bil-Malti wkoll. Dik il-ħabta, billi t-tagħlim kien aċċessibbli biss għat-tfal ta' nies ta' ċerta klassi, il-lezzjonijiet kienu jsiru bit-Taljan. B'hekk, din l-iskola kienet minn ta quddiem nett, jekk mhux l-ewwel waħda, li bdiet tgħallem u tuża ilsienna waqt it-tagħlim. Għal dan, kienet imfaħħra ħafna f'waħda mill-ħarġiet tal-ġurnal *Il Portafoglio Maltese.*

B'żieda ma' dan, fl-istorja tal-iżvilupp tal-Ilsien Malti jissemma bi prominenza *Il Teatrino della Vittoriosa, li* wisq probabbli kienet l-ewwel Sala li fiha kienu jsiru reċti bil-Malti.

Dwar l-iskola ta' Dun Mikelanġ u dwar Dun Mikelanġ innifsu hemm ħafna aktar xi tgħid. Nittama li nagħmlu dan f'xi okkażjoni oħra 'l quddiem.

Is-seba Bukkuni f'Jum id-Duluri

jikteb Lorenzo Zahra

Bosta usanzi tal-imgħoddi spiċċaw għal kollox u mal-mixja taż-żmien intnesew u l-progress ħassar memorji tal-imgħoddi li kellna. Illum l-obbligu tas-sawm kważi ntemm għax is-sawm ġie limitat ħafna. Tassew li bosta jaħsbu li biżżejjed taqdi dmirijitek u dan minkejja li l-Madonna fid-dehriet tagħha f'Lourdes u Fatima talbet minna l-penitenzi.

Dari fil-Birgu u wkoll fi bnadi oħra kien hawn l-usanza tas-seba' Bukkuni. Hekk kien jgħid il-Kan Dun Gian Mari Farrugia. Dan il-qassis kellu wisq għal qalbu ġrajjietna u kien wieħed li xerred l-imħabba lejn il-Folklor tagħna. Kien jikteb fil-ġurnal 'Il-Berqa' fejn wieħed isib artikoli tiegħu dwar il-Folklor Malti meta ftit kien hawn min jinteressa ruħu minn dan is-suġġett. Il-Festa tad-Duluri ta' Marija Omm Ġesu kienet ilha mwaqqfa fil-Parroċċa ta' San Lawrenz kif jikteb Dun Lawrenz Lanzon fil-memorji tiegħu. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu marbuta mal-Kappella tal-Madonna tal-Karita fejn kien hemm xbiha tad-Duluri. Imma tajjeb wieħed jgħid li meta twaqqfet il-Fratellanza tal-Kurċifiss u nbena l-Oratorju dan kien ġie dedikat lid-Duluri fejn il-Fratellanza kienet ingħatat permessi meħtieġa li tiċċelebra jiem id-Duluri fl-istess Oratorju.

Is-seba' Bukkuni kienet sawma li ssir nhar id-Duluri billi n-nies ma kienu jieklu xejn għajr ĦOBŻ U ILMA, dan ifisser li ebda tisjir u frott ma kienu jieħdu. Allura kienu joħorġu seba darbiet jittalbu xi loqma Ħobż mingħand il-ġirien. U jekk il-loqma ħobż tkun imdaqqsa, allura kienu joffru parti lil ħaddieħor. Hekk is-Sawma tas-seba' Bukkuni kienet issir b'ġieħ is-seba' duluri ta' Marija SSma li assistiet l-agunija ta' Binha Ġesu, Dak li miet għalina dik il-mewta kiefra li biha Salva l-Umanita'

Il-Knisja ħanina f'dawn l-aħħar snin naqset dawn l-obbligi imma baqgħet twiddeb biex minkejja l-bidla fiż-żminijiet, wieħed għandu f'Jiem tal- Ġimgħa Mqaddsa jagħmel xi sagrifiċċi personali, u dan biex inpattu għal tant nuqqasijiet tagħna.

Jien ċert li minkejja li ż-żminijiet tbiddlu u ma' għadux żmien tas-sawma bis-seba' bukkuni, iżda għad hawn insara li jagħmlu sagrifiċċi penitenzjali oħra speċjalment nhar Jum id-Duluri.

Messaġġ tal-Arċipriet - *Dun Joe Cilia*

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għall-Festa tal-Epifanija tal-Mulej, qal li jeħtieġ li nfittxu dak li hu tajjeb u sabiħ. Il-Maġi baqgħu jfittxu sakemm sabu lil Ġesu'. Aħna bħala bnedmin li qegħdin ngħixu llum, x'qegħdin infittxu? Forsi kultant nitfixklu f'dak li nfittxu. Nagħmlu għal dak li hu sabiħ, iżda mhux kulma huwa sabiħ huwa tajjeb.

Ġesu' f'dan iż-żmien għadu joffri lilu nnifsu għall-bniedem biex nagħżluh f'ħajjitna bħala t-tajjeb u s-sabiħ. Kristu huwa s-sabiħ u t-tajjeb f'ħajjitna. Kemm hu sabiħ li nerġgħu niskopru lil Ġesu' fil-ħajja tagħna. Kemm hu tajjeb li nerġgħu nħallu lil Ġesu' jitwieled fina mill-ġdid. Meta nħallu lil Ġesu' jerġa jkun preżenti fid-djar tagħna, fil-familji tagħna,fil-gruppi tagħna, fl-ambjenti tagħna, fil-komunitajiet tagħna, verament jagħmel bidla fina u madwarna. Meta nwarrbu lil Ġesu' tfixkil ikollna.Ma naqtgħux qalbna. Inkomplu nfittxu lil Ġesu'. U meta nsibuh, nindunaw li Huwa Ġesu' li qiegħed ifittixna.

Kunu Imberkin

Indawru paġna u niftħu oħra

minn Bjorn Callus - Segretarju

Dejjem hekk immaġinajtu Jannar. Paġni, għax matul dan ix-xahar, is-Soċjetà tkun qed tagħlaq is-sena li għadha kemm spiċċat u tibda oħra ġdida. Nemmen ukoll li l-importanti dejjem ikunu paġni mill-istess ktieb, dak tas-suċċess u l-progress. U ma narax raġuni għalfejn dan għandu ma jsirx.

Rajna kapitli kbar u importanti matul din is-sena, speċjalment bir-rinnovazzjoni li saret fis-sular t'isfel, fejn illum tibda titfixkel fejn dħalt. Il-paġna li qed ndawru hi parti minn kapitlu ieħor kbir, kapitlu li pjuttost kien ħolma imma li sar realtà. Iva, qed nirreferi għar-restawr tal-faċċata. Personalment għandi ġenn sħiħ sa ma titlesta, għax ħadd minnha żgur ma jista' jimmaġina l-ġmiel li ser nkunu qed naraw b'għajnejna bi nhar u bil-lejl meta tkun mixgħula. Imma nħallu l-ħolm isir realtà bil-mod u bil-pass tiegħu, ħalli żgur ngawduh kif jixraq.

Ir-realtà. Ir-realtà hi li aħna kollha parti minn Soċjetà u Każin tal-Banda bil-għaqal, li dejjem toħlom u tipproġetta, u minn hemm u minn hawn dawn il-proġetti jsiru. X'ma sarx f'dawn l-aħħar 20 sena? Planċier, li wisq probabbli bħala valur u investiment fih ġie l-ogħla f'pajjiżna. Tisbiħ u żvilupp tal-Palazz – bini, sular t'isfel, irħam, irħamiet, żebgħa, tibdil tal-aperturi u nista' nibqa' sejjer. Banda, għamilna ħafna programmi tal-ogħla livell, ħriġna numru ta' recordings, sifirna bil-Banda f'safra memorabbli u unika sal-ġurnata tal-lum għall-baned maltin. Iċċelebrajna wkoll bil-kbir il-125 sena tal-banda, il-25 sena tal-President, Anniversarji diversi tas-Surmast, u dejjem għamilna kollox kif suppost, bil-kbir u bil-pompa fejn kien hemm bżonn, bil-limitu u l-galbu f'waqtiet oħrajn. Rajna wkoll Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ssir waħda mil-aqwa wirjiet f'pajjiżna, Sala tal-Billiard attiva u nsomma jekk inkompli ngħid ma nispiċċax.

Però jkolli ngħid ukoll li ħafna lanqas biss japprezzaw dan kollu. Sfortunatament, lanqas biss għandna idea ta' kemm għandna każin sod u b'saħħtu, la dejjem rnexxielu jagħmel dawn l-affarijiet. Nistedinkom tħarsu ħarsa u dduru dawra ma' diversi każini f'Malta u araw x'inhi s-sitwazzjoni fil-preżent. Proġetti bħal dawn li semmejt ftit każini ħa ssibu li għamluhom, u agħar minn hekk sitwazzjoni finanzjarja imwieġħra. Naħseb kullħadd jaf li jien bandist, u aħna nkunu nafu liema huma l-każini li qed jesperjenzaw xi problemi, għax idumu ħafna ma jħallsu l-bandisti li jkunu qalgħu għas-servizzi. Sfortunatament, in-numru ta' dawn il-każini qiegħed jiżdied minn sena għall-oħra. Personalment nemmen u ma neskludix li għad jasal żmien fejn numru ta' każini jnaqqsu sew is-servizzi fil-Festa tagħhom, jew saħansitra lanqas idoqqu, u naħseb li dan iż-żmien m'huwiex daqshekk il-bogħod.

Tgħiduli għalfejn qed tgħid dan kollu? Għax nemmen li l-każin mhux apprezzat biżżejjed min-nies tal-Birgu. Nemmen li għandu jkun hemm iktar interess u parteċipazjoni f'dak li tagħmel is-Soċjetà. Min-naħa tagħna żgur kommessi li nisimgħu kontinwament, u dejjem ħdimna biex il-każin nżommuh qrib tal-poplu Vittorjożan. U xhieda ta' dan hu s-seminar li ser nkunu qed nagħmlu fuq il-każin. Dan ser ikun miftuħ għal kulħadd bil-għan li noħorġu minn hemm bi kritika kostruttiva ta' x'nistgħu ntejbu. Nemmen bis-sħiħ li inizjattivi ta' dan it-tip huma importanti mmens għax jgħinuk tgħix ir-realtà li tkun għaddej minnha. Għax forsi aħna li ninsabu ġewwa l-każin, jew iktar minn hekk fit-tmexxija tal-każin, mhux bil-fors nirrealizzaw dak li jkun għaddej madwarna, mhux bil-fors nindunaw fejn ikun qiegħed iħabbat il-polz.

Għalhekk, għandna bżonn lilkom biex tgħinuna. Biex flimkien nassiguraw Futur għall-każin. Futur b'saħħtu b'parteċipazzjoni ikbar. Żgur li l-każin ibati mill-volontarjat u mill-ammont ta' bandisti. Fuq il-bandisti qed naħdmu għax hi responsabbiltà diretta tagħna. Imma l-volontarjat vera niġru warajh kemm jista' jkun, imma jekk il-voluntier ma jiġix jgħin, fejn konna bqajna. Għalhekk, l-istedina hi waħda, ingħaqdu magħna għal nofs ta' nhar nitkellmu, niddibattu u niddiskutu, nispjegaw u fuq kollox nisimgħu lil xulxin. Dan żgur mhux ħa jkun seminar li ser isir għall-faċċata u l-paroli biss. Tislijiet!.

LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Sejra ssir Laqgħa Ġenerali Annwali
nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar fis-7.00pm.
Wara l-Qari ta' Minuti jsir l-Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju
u Rapport Amministrattiv
Il-Membri u l-Bandisti huma mħeġġa sabiex jattendu

Fejn ninsabu u fejn sejrin

minn Simon Farrugia - Delegat tal-Banda

Għaddew ftit ġranet mill-bidu tas-sena l-ġdida, s-sena 2014 fejn din għalina tas-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz ser toffri sfidi kbar.

L-ewwel impenn mil-lat tal-Kummissjoni Banda huwa r-recording li sejjer isir tal-Marċi Funebri. Fil-fatt matul dawn l-aħħar xhur saret ħidma bħala preparazzjoni għal dan ir-recording. Dan kien jirrekjedi l-għażla tal-marċi li ser jidħlu fic-CD, numru ta' fotokopji u ħafna aktar. Fil-ġranet li ġejjin mistennija li jsiru *r-rehearsals* sabiex jekk kollox imur kif ippjanat ir-recording isir nhar is-Sibt 15 ta' Frar.

Ovvjament ir-rota tibqa ddur u mill-ewwel insibu ma' wiċċna l-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Għid. Fil-fatt mill-ewwel ġimgħa ta' Marzu jibda l-armar tal-Wirja 'Getsemani' li din is-sena ser tinfetaħ uffiċjalment nhar il-Ħamis 10 t'April. L-impenn tas-Soċjeta' Mużikali tagħna kemm mill-att soċjali kif ukoll minn dak bandistiku huwa wieħed kbir matul dawn il-ġranet.

Ftit aktar minn xahar wara dawn il-Festi jiftħu b'mod uffiċjali l-Festi ta' San Lawrenz 2014 bil-Mota tal-Erbgħat u l-Ewwel Erbgħa f'ġieh il-Padrun tal-Belt tagħna. B'hekk kif tistgħu tinnotaw ir-rota mhux talli ma' tieqafx iddur talli dejjem iżżid fir-ritmu tagħha. U b'dan f'moħħi napprezza ħafna aktar il-ħidma li aħna li verament inħobbu l-Każin tal-banda nagħmlu matul is-sena. Iżda huwa biżżejjed l-impenn tagħna?

Nemmen li dejjem hemm lok għal titjib. Dejjem hemm fejn wieħed jagħti aktar. Qegħdin nagħtu l-massimu tagħna? Jekk le, għaliex? Il-ġranet tax-xitwa qed ikunu ġranet ta' *hibernation*? Hemm xi whud minnha li fix-xitwa jagħmlu bħall-bebbuxu? Ma' jkunx aħjar kieku dak l-entuzjazmu li nħossu matul ix-xhur tas-sajf jinfirex matul is-sena kollha. U apparti dan nifhem li hemm ħafna aktar nies li flok ikunu passivi għandhom jieħdu aktar sehem attiv. Għax b'hekk ix-xogħol ikun qiegħed jinqasam aktar bejn firxa aktar ta' nies.



Minkejja dan kollu xorta waħda l-attivitajiet mill-Każin tagħna ma' jonqsux. Ħarsa lura lejn ix-xahar tal-Milied inħoss sodisfazzjon li kemm l-attivitajiet li għamilna kif ukoll id-diversi lotteriji minbarra li ħallew id-dħul finanzjarju mixtieq kienu suċċess fl-istess ħin.

Minbarra l-Banda li hija l-prijorita ewlenija tagħna sabiex inkomplu nżidu fl-allievi u ngħollu l-livell mużikali, l-Kumitat tas-Soċjeta' jinsab impenjat sabiex ikompli jaħdem biex isebbaħ il-Palazz uniku bħala sede' tiegħu kif ukoll jagħti s-sehem kif jixraq fil-Festi tal-Parroċċa ewlenin fost dawn il-Festa tal-Padrun tagħna San Lawrenz. Min jiffrekwenta l-Każin jaf x'jien ngħid. Rajna bidla kbira fis-sular t'isfel, fi ftit ġranet oħra ser jinbidel il-pannu tal-imwejjed tal-billiard, ix-xogħol kbir ta' restawr li qed isir fil-faċċata, il-leġiju għall-Planċier li ser jiżżanżan din is-sena u ħafna aktar.

Huwa għalhekk ukoll li biex ikun hemm kontinwita' ta' dan kollu l-Kumitat iddeċieda li nhar il-Ħadd 23 ta' Frar isir Seminar fil-Lukanda Coastline sabiex naraw fejn aħna u fejn sejrin. Nappella lil kull min għandu l-interess tas-Soċjeta' sabiex jattendi għal dan is-Seminar u jagħti l-kontribut tiegħu għal futur dejjem aħjar.Biex ninkoraġixxu parteċipazzjoni wiesgħa l-ħlas għal dan is-Seminar ser jagħmel tajjeb għalih il-Każin. Nispera li narakhom. Tislijiet.

SEMINAR FIL-COASTLINE HOTEL

bit-tema'

'Il-Kazin tal-Banda – fejn qegħdin u fejn sejrin'

nhar il-Ħadd 23 ta' Frar, 2014 mid-9am sas-1pm

fejn ikun hemm waqfa għall-kafe'.

Parteċipazzjoni mingħajr ħlas fejn dan ser ikun imħallas mill-Każin.

Min ikun irid jibqa fil-Lukanda għall-Ikla jista jagħmel dan.

Aktar dettalji fuq 9949 7734 jew 9942 8597

Attivitajiet matul Novembru - Diċembru 2013

Party tal-Milied

Nhar is-Sibt 28 ta' Diċembru sar il-Party tal-Milied ġewwa l-Każin. Numru mdaqqas ta' membri attendew għal dan ir-riċeviment fejn fost oħrajn kien hemm is-sehem tal-Unison Band. F'atmosfera familjari u festiva kull min attenda kien sodisfatt b'din l-attivita' li saret fis-Sala Ewlenija tal-Palazz tas-Soċjeta'.

L-Ikla tal-Milied

Bħalma jsir kull sena l-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali fi ħdan il-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz organizzat l-Ikla tal-Milied nhar is-Sibt 14 ta' Diċembru, 2013 fis-Soreda Hotel, Bugibba. L-attendenza kienet waħda tajba ħafna fejn din tkompli timlina bil-kuraġġ sabiex norganizzaw aktar attivitajiet simili. Grazzi tal-għajnuna tagħkom.

Ħarġa ta' ġurnata għall-Membri

Nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru, 2013 ġiet organizzata Ħarġa għall-Irġiel fejn dawn żaru l-Imdina u r-Rabat. Wara waqfa għall-Ikel fil-Bird Park ġewwa s-Salina wara nofs in-nhar il-grupp ittieħed Buġibba fejn żar in-National Aquarium. Għal darb'oħra din kienet ħarġa suċċess fejn wara l-Festi tal-Milied hemm il-ħsieb li ssir ħarġa simili għal postijiet differenti.

Għeluq il-mitt sena mit-twelid tas-Surmast Hector Dalli

Din is-sena jaħbat il-mitt sena mit-twelid ta' wieħed mis-Surmastrijiet ewlenin li kellha l-Banda Vittoriosana San Lawrenz, Hector Dalli.

Mro.Dalli ikkompona għadd ta' sinfoniji, marċi, kemm brijużi kif ukoll funebri, u għadd ta' innijiet, fosthom dawk ta' din il-Banda u dak ta' San Lawrenz, magħruf bħala il-kbir għal kor, tenur u baxx, esegwit għall-ewwel darba lejlet il-festa ta' San Lawrenz iċċelebrata fl-1972. Minbarra lil din il-Banda idderieġa baned oħra, fosthom il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, Leone ta' Għawdex, Queen's Own tal-Isla, il-Banda tat-Tarzna, u l-Banda tal-Moviment tal-Ħaddiema. Lil-din il-Banda Vittoriosana, li fi żmienu nbidel isimha, mexxieha għal 28 sena sħaħ: mill-1952 sakemm miet fl-1980.

Is-surmast Hector Dalli twieled iż-Żejtun nhar it-18 ta' Ġunju 1914, iben Ġużeppi Marija u Evanġelista Mercieca. Flimkien ma' Hector, dawn kellhom erba' wlied oħra. L-ewwel tagħlim mużikali Hector, flimkien ma' ħutu subien, ħadu mingħand missieru, li kien mużiċista mill-aħjar, tant li kien ingħata t-tmexxija tal-Banda Żejtun wara l-firda li seħħet fil-Banda Beland. Ta' 9 snin Hector Dalli kien tħarreġ bil-flicorno u wara qaleb għall-kurunetta mal-Banda Beland. Kien idoqq tajjeb ukoll il-pjanu.

Iżda ma waqafx hawn, għax kompla jitħarreġ fl-armonija, il-kontrapunt, l-istrumentazzjoni u d-direzzjoni għand is-Surmast Ġużeppi Casapinta, biex ftit wara nħatar Assistent Surmast tal-Banda Żejtun. Waqt li kien f'din il-kariga, kompla l-istudji mużikali u ta' 25 sena kellu suċċess kbir fl-Eżami tat-Teorija Mużikali tal-London College of Music li fih kien ġab 91 marka minn 100 u kiseb l-ewwel post biex iggradwa A.Mus.L.C.M.

Sabiex jiġi mfakkar dan l-avveniment huwa ppjanat li l-Programm Annwali għal din is-sena jkun ad unur dan il-mibki Surmast. Fil-fatt hemm il-ħsieb li l-Programm Annwali jibda jsir f'Novembru ta' kull sena fejn għal din is-sena dan ser isir nhar is-Sibt 1 ta' Novembru.

PASTA NIGHT fil-Każin

nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar fit-8.00pm
Għażla ta' Pasta fejn tiekol kemm trid
Deżerta u Tazza Inbid

Prezz € 12

Ikkuntattjaw lil Eugenio Pellicano
jew lil Oscar Adami

Għalina n-Nisa

riċetta Għaġin – zalzett Malti, tadam imqadded

Isservi 6
Għandek bżonn:
Sider ta' tiġieġa mdaqqsa
5 zalzetti Malti
50g tadam imqadded
2 bottijiet tadam imqaxxar
2 bottijiet double cream
(280ml-il wieħed)
4 sinniet tewm
2 kuċċarini trab turmerik
2 kuċċarini tandoori masala
1 kuċċarini chili jaħraq
2 kuċċarina stragun (tarragon)
2 kuċċarini ħwawar imħallta (Italian mix)

Metodu:
• Qatta' s-sider tat-tiġieġa fi kwadri (bejn wieħed u ieħor 2cm) u ibda qallija f'mgħarrfa żejt taż-żebbuġ
• Filwaqt, neħħi l-ġilda minn fuq iz-zalzett Malti u qattgħu roti roti – ipprova tħallihx jinqasam ħafna però mhux daqshekk important għax waqt li qed isir, jiddiżintegra xi ftit jew wisq. Kif tlesti ixħet iz-zalzett imqatta' mat-tiġieġa u ħallat kollox flimkien
• Kompli qalli kollox sakemm it-tiġieġ u z-zalzett jieħdu ftit kulur
• Qatta' t-tadam imqadded u t-tewm f'biċċiet żgħar u ixħet u ħallat kollox
• It-tadam tal-bott ikun immerraq – għandha bżonn nifirdu t-tadam mill-meraq u nqattgħu it-tadam f'biċċiet imdaqqsa. Personalment nuża idi stess biex naqleb il-meraq barra waqt li nżomm it-tadam fil-bott. Tista' tifred il-meraq dirett fuq it-taġen fejn qed tqalli t-tiġieġa u l-kumplament, jew itfa' f'kontenitur imbagħad ferra l-meraq fit-taġen. L-importanti li tħaffef biżżejjed biex it-tewm u t-tadam imqadded ma jinħarqux jew jitqarqċu
• Itfa' t-tadam tal-bott imqatta' u d-double cream u ħallat
• Żid il-ħwawar. Ħallat
• Żid melħ u bżar skond il-gosti tiegħek
• Minħabba li din iz-zalza fiha t-tiġieġ u z-zalzett Malti, nissuġġerilek li tħalli kollox itektek fuq nar baxx u itfa' l-għaġin f'ilma jagħli kif tkun lestejt iz-zalza. Dan sabiex bejn it-tmin jew għaxar minuti li l-għaġin jieħu biex isir, it-togħma ta' l-ingredjenti toħroġ kif ukoll tkun ċert/a li qtilt ħafna mill-mikrobi li jiġu mat-tiġieġ u l-majjal fiz-zalzett.
• Kif l-għaġin isir, saffih u ħallat kollox sew maz-zalza.

Tajjeb li tkun taf - L-Ambjent u Jien

X'inhu l-Ambjent?

Meta nitkellmu fuq l-ambjent inkunu qed nirreferu għal kull ħaġa fid-dinja ta' madwarna u l-effetti fuq il-ħajja li aħna ngħixu, li tinkludi l-arja, l-ikel, l-ilma, l-pjanti, l-annimali u ħlejjaq oħrajn.

Għaliex l-ambjent għandu bżonn l-għajnuna tagħna?

Il-bnedmin għandhom bżonn 5 affarijiet mill-ambjent, li mingħajrhom ma jistgħux jgħixu. Dawn huma: l-ossiġnu, l-ilma, l-ikel, is-sħana u fejn joqgħodu. Id-dinja tagħna tagħtina dan kollu:

Ossiġnu mill-arja ta' madwarna, dak li nieħdu n-nifs minnha

l-ilma mix-xita li tinżel

l-ikel mill-annimali u l-ħxejjex

u s-sħana mix-xemx, li tipprovdi wkoll id-dawl u l-energija li nuzaw fid-djar taghna.

Iżda, ġara li matul is-snin il-pjaneta tagħna bdiet tħoss effetti ħżiena li ħloqna aħna l-bnedmin stess. Dawn l-affarijiet ħżiena – wisq dħaħen, carbon dioxide, gassijiet sħan bħal metane - dawn ġabu tibdiliet fl-atmosfera billi ħolqu toqba fl-ożonu li jipproteġi lin-natura minn raġġi perikolużi tax-xemx. Minħabba dawn it-tibdiliet li ħloqna l-bnedmin stess, ħafna mill-ħlejjaq ma jistgħux jieħdu dak li għandhom bżonn mill-atmosfera. Xi wħud mit-tibdiliet qatlu għal kollox xi speċi ta' annimali, pjanti, insetti, saħansitra effettwaw ukoll xi ħtiġijiet bażiċi tagħna l-bnedmin.

AHSEB FTIT:

Tista' tgħin l-Ambjent billi:

Tuża anqas ilma:

• Nistgħu nagħmlu hekk billi nieħdu shower u mhux banju. Hekk nużaw anqas ilma u anqas elettriku biex insaħħnu l-ilma. Ipprova tgħallem tieħu shower fi tlett minuti. Ixxarrab bl-ilma u għalaq il-vit waqt li tkun qed tuża s-sapuna, imbagħad erġa iftaħ il-vit biex titlaħlaħ. Tinsiex tagħlaq il-vit meta tlesti.

ikompli f'paġna 11

Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-Milied

Il-Qasam tal-Museum tal-Birgu kien fost l-ewlenin li beda joħroġ il-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied. Kien ukoll ta' ispirazzjoni għall-mod li bih isiru dawn il-purċissjonijiet mill-oqsma mużewmini llum. Fl-1936, wara li l-Qasam tal-Birgu għadda taħt is-superjur dinamiku Ġanni Schembri, permezz tal-parteċipazzjoni tal-*Banda Duke of Edinburgh*, il-puċissjoni tal-Milied fil-Birgu saret manifestazzjoni singulari u esklussiva. Is-superjur Schembri kien stieden lis-surmast direttur Paċifku Scicluna biex il-Banda tibda tissieħeb mat-tfal waqt il-kant tal-innijiet tal-Milied fil-purċissjoni. Is-Surmast Scicluna mhux biss aċċetta l-istedina, iżda għal waqtha kien ikkompona innijiet addattati bħal dawk li ssemmew *Resonet in Laudibus, Vidimus Stellam* u l- fanfara ntitolata *Christus Regem*.

Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni mill-Qasam tal-Museum u sakemm din tkun nieżla minn Triq il-Mina l-Kbira, il-Pjazza kienet tinżamm, tista tgħid, fid-dlam. Iżda meta l-Bambin kien jitfaċċa 'l-Pjazza, kienu jinxtegħlu d-dwal kollha. Fl-istess waqt, mill-gallarija tal-każin, l-istrumenti tar-ramm tal-*Banda Duke of Edinburgh* kienu jibdew il-fanfara msemmija. Kif din tintemm, it-tfal kienu jduru nofs ċirku madwar il-Bambin u jibda l-kant ta' l-innijiet li kkompona Paċifku Scicluna. Kif dawn jintemmu, il-Banda kienet tkompli tikkumpanja lit-tfal waqt il-kant ta' l-innijiet tradizzjonali.

Ħafna kienu jaħsbu li l-gwerra kienet ser iġġib fi tmiemha l-parteċipazzjoni tal-*Banda Duke of Edinburgh* fil-Milied, iżda dan ma kienx il-każ. Fl-1945, meta l-ħajja bdiet ġejja lura għan-normal, il-bandist Govanni Pisani ġabar xi bandisti u fil-purċissjoni ta' dik is-sena ħarġu jdoqqu mill-ġdid. Minn dakinhar, għajr b'eċċezzjoni żgħira, din il-Banda baqgħet tieħu sehem fil-purċissjoni sallum. Anzi aktar minn hekk. Mill-Hamsinijiet bdiet tinġabar dik li l-każin isibha bħala *piccola banda* biex takkompanja b'innijiet sagri lit-tfal li jkunu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, fil-purċissjoni li ssir mill-Qasam sal Knisja.

Kull meta u fejn seta' l-Każin dejjem kien lest jgħin lill-Mużew fi ħtiġijiet li dan kellu. Dan tikkonfermah proposta li għaddiet unanimament f'Laqgħa tal-Kumitat li nżammet fil-5 ta' Novembru 1939, meta ġie deċiż li bankijiet li kien hemm fil-każin, minflok jinbiegħu, jingħataw lill-Qasam li, kif intqal, għalihom kien hemm ħtieġa ħafna għal waqt it-tagħlim tad-duttrina.

ikompli minn paġna 10

- Nistgħu ukoll nużaw anqas ilma meta nkunu qed naħslu sninna. Ikun aħjar jekk tuża tazza bl-ilma biex tlaħlaħ snienek milli tħalli l-vit miftugħ meta tkun qed taħsel sninek.
- Uża barmil bl-ilma biex issaqqi l-ġnien. Aħjar milli tuża l-pipe.
- Għalaq il-vit tal-ilma sew

Tuża anqas elettriku u enerġija oħra:

- Iftah it-twieqi għad-dawl ta' barra u mhux tuża l-elettriku matul il-jum.
- Iftaħ it-twieqi għall-frisk, u mhux tuża l-AC.
- Itfi d-dwal kollha meta toħroġ mil-kamra.
- Itfi l-oġġetti tal-elettriku meta ma tkunx qed tużahom, bħal TV, radju, kompjuter

Toqgħod attent kemm tipproduċi żibel:

- Tużax ħafna karta, ipprova irriċikla l-karta jew uża karta użata kemm tistà.
- Irriċikla l-ġugarelli, ħwejjeġ, kotba eċċ, jew agħtihom lil xi familja oħra jew lill-ħwienet tal-karità.
- Issepara ż-żibel għar-riċiklaġġ.
- Ixtri oġġetti rriċiklati.

Tagħmel ħsara mill-inqas lill-ambjent:

- Ixħet il-ħmieġ fil-kontenituri apposta, u jekk ma ssibx, ħu l-ħmieġ miegħek id-dar.
- Naddaf wara l-klieb meta toħroġ passiġġata magħhom barra t-triq.
- Ħu ħsieb il-pjanti u l-annimali meta tkun fil-kampanja.
- Meta tkun qed tistad, erġa' ixħet il-ħut il-baħar jekk ikunu għadhom żgħar.
- Ħawwel is-siġar, għax dawn jagħtuna l-ossiġnu.

Anki jekk ma nintebħux, jekk kull wieħed u waħda minna jagħmel l-affarijiet żgħar li semmejna hawn fuq, nagħmlu ħafna ġid lid-dinja. Immaġina jekk kulħadd jagħmel hekk, kemm l-effett ikun ħafna akbar. Bl-isforzi żgħar li nagħmlu nistgħu nagħmlu differenza kbira, u nsaħħu l-ambjent u l-atmosfera ta' madwarna. L-azzjoni tagħna turi li aħna nirrispettaw ir-razza umana u d-dinja li ngħixu fiha issa, għada u għal dejjem.

Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Ġorġ Agius

It-tieni parti

minn Paul Micallef

Mela fl-ewwel parti tal-interviżta li ġiet pubblikata fin-newsletter li għaddiet rajna l-ewwel snin ta' dan il-ħabib tagħna Ġorġ Agius li kif rajna għal Malta hu mlaqqam bħala 'l-għannej tal-Mulej" pero` għalina il-Vittoriosani li nafuh kemmxejn iktar mill-qrib, iktar nafuh bħala Ġorġ tal-Mużew jew aħjar mil-laqam tal-familja, Ġorġ ir-romblu.

Koperatur tal-mużew

Għalkemm lil Ġorġ kulhadd jafu bħala 'tal-mużew' fil-fatt hu mhux strettament membru tal-mużew minħabba li hu ma jafx jikteb u jaqra. Is-soċjeta` tal-mużew hija ibbażata fuq it-taghlim u għalhekk ma setax ikun soċju tas-soċjeta` muzewmina. Madankollu hu jagħmel parti minn grupp ta' persuni imsejjħa koperaturi li huma persuni li huma qrib ħafna ta'din is-soċjeta` , jattendu il-laqgħat tagħha u jagħmlu xogħol simili ħafna bħal membri ordinarji oħra.

Xirka isem imqaddes ta' Kristu

Ħidma oħra li Ġorġ għal ħafna snin kien jagħmel bil-qalb kien il-ħidma tiegħu fi ħdan ix-Xirka l-Isem Imqaddes ta' Kristu sabiex, kemm jista' jkun, jitnaqqas id-dagħa, wieħed mill-aghar difetti li jbati bih sezzjoni żgħira tal-poplu Malti. U hekk Ġorġ b'dik it-tbissisma jirnexxilu jidħol fil-qalb tan-nies, fit-toroq, fil-pjazez u l-iktar fil-ħwienet fejn jiltaqgħu l-irġiel li huma l-iktar vulnerabbli għal dan in-nuqqas. U hemm ara lil Ġorġ iqabbillek xi waħda u filwaqt li ħelu ħelu iwiddeb, iwassal il-messaġġ sabiex b'i lsienna ma noffendux Dak li tant iħobbna.

Forsi jkun ħaddieħor ikun hemm reazzjoni kuntrarja, pero` Ġorġ illum indara u hu persuna maħbuba minn kulhadd anki forsi dawk li qalbhom hi iebsa u ilsienhom imniġġes biż-żebliegħ tal-ismijiet qaddisa. Illum lil Ġorġ kulhadd jilqgħu u jieħu pjaċir bih, anzi jiġi mistieden biex ikun imdawwar min- nies u jislet dawk il-versetti li żgur xi drabi iġibu l-ġhira tal-aqwa poeti ghalkemm sajmin minn kull regola letterarja. Fosthom din it-taqbila li ġejja kontra l-kliem ħażin u d-dagħa:

"Hawn aħna l-aħwa
bir-rispett kulħadd sellem
tiżbaljax meta titkellem'
Filgħodu u filgħaxija
Roddu s-salib mingħajr misħija"

Jew

"'Meta se jkun jitlalek żomm il-brejk,
Bi lsienek u b'xofftejk"

Immaġinaw....

Hawn nistidinkom li timmaġinaw lil Ġorġ f'wieħed mill-ħwienet tax-xorb fl-iktar rokna mbiegħda ta' xi raħal tipiku Malti, imdawwar b'ċorma rġiel m'ghola hawn, ftit minnhom lebsin bi flokkijiet ta' taħt b'ídejn godlija mimlija suf u tpinġija, taħt ghabthom b'gaġġa b' xi kanarin jew gardell, f'ħalqhom xi sigarru tas-sold jinten seba' pesti u fuq il-mejda minbarra l-karti tal-logħob xi pinta nbid mill-irħis jew xi belgħa te bil-ħalib magħqud bħal ma konna ngħidu aħna tal-Kottonera bħal 'taż-żiemel'. U minn flok argument fuq il-pulitika, nisa, żwiemel jew futbol, li żgur kien imżewwaq b' xi dawgħa jew aġġettivi kkuluriti nisma din it-taqbila ħelwa ħierġa minn fomm Ġorġ bit-tbissima tipika tiegħu

'"Bil-kliem ħelu u meqjus , tferrah il-kelb u l-qattus, u tberred lin-nervuż
Sabiħ il-galbu, sabiħ il-qies, żommu dejjem il-kalma u tgħix ta'nies"'

Żgur li taqblu miegħi li taqbila bħal ma jaf joħloq Ġorġ bħal din taf idewweb l-iktar ras u qalb iebsa li jeżistu f'wiċċ din il-gżira.

Żjarat lill-Morda

Issa naraw kif Ġorġ mindu spiċċa mix-xogħol tat-tarzna kompla bil-ħidma tiegħu pastorali. Fil-fatt din il-missjoni ilu jagħmilha ghal dawn l-aħħar 65 sena. Fil-fatt il-filosofija tiegħu hi li hu jmur fl-iktar postijiet fejn in-nies ikollhom bżonnu u hemm hu jgħid dik il-kelma ta' ġid speċjalment fit-taqbiliet tiegħu.

Hekk lil Ġorġ insibuh iżur il-pazjenti fid-diversi swali tal-isptarijiet tagħna minkejja li llum kiber ħafna fl-eta` u bilkemm jiflaħ jimxi jekk mhux bl-ghajnuna tal-bsaten. Madankollu ma jitlifx okkażjoni waħda biex jgħid dik il-kelma ta' kuraġġ u ta' faraġ lil dawk li jkunu jeħtieġuha speċjalment il-morda fil-qiegħan tas-sodda. U jien lil Ġorġ inqabblu mal-infermiera magħrufa Florence Nightingale li hekk kif kienet iddur is-suldati morda tal-gwerra tal-Krimea biex tara l-ħtigijiet mediċi tagħhom, hekk ukoll Ġorġ, il-verżjoni tagħha ta' Malta li jdur minn sodda ghall-oħra jferrex benna ta' kliem li kapaċi, imqar ghal ftit minuti jfarraġ u jferraħ lill-marid.

Charles Clews

Anedottu ħelu li sirt naf bih waqt waħda mill-ħafna żjarat ta' Ġorġ li darba kien iltaqa' ma' Charles Clews (li llum m'ghadux magħna u Alla jagħtih il-glorja tal-Ġenna) li tant ghoġbitu t-taqbila li qallu Ġorġ li kien ippubblika

fuq il-gazzetta tal-Union press 'It-Torċa' fir-rubrika popolari tiegħu u għamlet żmien fuq fomm kulhadd. Din il-famuza taqbila kienet tghid hekk:
"L-ixkupilja tnaddaf is-snien u l-kliem ħażin iħammeġ l-ilsien".
Darb'oħra Ġorġ daħal f'sala u hekk kien hemm raġel li kien qed jingħi u jwaħwaħ bl-uġiegħ u Ġorġ bil-prudenza kollha talbu jekk iridx jgħidlu xi ħaġa. Meta l-pazjent aċċetta u Ġorġ qallu xi żewġ taqbiliet kif jaf jagħmel hu, il-marid beda jitbissem u ma tistgħux timmaġinaw is-sodisfazzjon li ħass Ġorġ għal dak li kien għamel fejn kien jidher li l-mediċina u t-terapija tiegħu dak il-ħin kienet iktar effettiva mill-mediċini u l-pilloli li kien qed jieħu l-istess pazjent.

Viżti l-Ħabs

Minbarra l-isptarijiet u l-każini tal-bliet u l-irħula tagħna, il-missjoni ta' Ġorġ tagħna testendi wkoll fil-ħabs ta' Kordin fejn Ġorġ ma jinsiex lil dawn ħutna li għalkemm għamlu nuqqas lis-soċjeta` huma wkoll ulied Alla. Hawn Ġorġ jgħid li jħoss ferħ u sodisfazzjon speċjali meta jiġbor lil dawn il-persuni li minkejja kollox jaċċettaw li jinġabru fil-kappella u fi skiet li taqtgħu b'sikkina fejn jekk taqa' labra tinstema' tant joqogħdu attenti għal dak li jkun ilissen Ġorġ.

Bidu tal-missjoni

Sirt naf li din il-missjoni li jiġbor in-nies u jżerżaq kelma ta' faraġ, Ġorġ ilu li bdiha minn meta kien għadu jaħdem ix-xatt tant, li qabel ma hu u sħabu l-ħaddiema kienu jmorru fuq il-lant tax-xogħol kien jiġborhom qaqoċċa għal ftit minuti u kienu jgħidu talba flimkien ma' xi kelma ta' ġid sabiex hekk jibdew il-ġurnata bit-tajjeb.

Qaddisin

Minbarra naturalment lil Marija Santissima, Ġorġ għandu għal qalbu ħafna lil San Ġorġ Preca billi kien jafu sewwa u tgħidx kemm kien ferhan u eċċitat dakinhar li kien iddikjarat qaddis. Qaddis ieħor li hu devot tiegħu hu San Franġisk t'Assisi, ir-raġuni hi minħabba s-sempliċita` tiegħu kemm f'dak li kien jgħallem li jixbaħ ħafna il-mod kif jgħallem Ġorġ kif ukoll is-sempliċita` li kien jgħix fiha u dak li kien jippriedka kien jagħmlu fil-prattika. M'hemmx għaliex tgħid, il-kliem jgħallem pero` l-eżempju jkaxkar ukoll. Ġorġ hu terzjarju Franġiskan. Ma jistax jonqos li Ġorġ hu devot ukoll lejn San Lawrenz u lil San Duminku bħala l-qaddisin protetturi ta' Belt twelidu. Qaddisin oħra li Ġorġ għandu devozzjoni lejhom huma San Pawl għax hu ġabilna l-fidi f'Malta u San Ġorġ , il-qaddis t' ismu.



Eżempju eċċellenti għar-reliġjużi

Forsi din il-hidma ta' persuna lajka bħal ma' hu Ġorġ għandha tkun ta' eżempju mhux biss għalina iżda l-iktar għal dawk reliġjużi, saċerdoti kemm qassisin u patrijiet li ma joqogħdux jistennew sabiex il-fidili jersqu lejhom fil-quddies ta' nhar ta' Ħadd u jekk tkun xi eċċezzjoni ta' nhar ta' ġimgħa iżda jmorru huma għand il-fidili. Għandhom b'umilta` jitgħallmu minn Ġorġ sabiex ma jużawx il-pedestall għoli tal-ambone jew saħansitra l-pulptu fejn id-distakk bejnhom u l-miġemgħa hija kbira iżda għandhom imorru huma jfittxu l-merħla biex isibu n-ngħaġ il-mitluf. In-nies tal-lum ma tridx min ikun dogmatiku u joqgħod jippontifika mingħajr ċans ta' diskussjoni u għalhekk il-postijiet fejn soltu jiffrekwenta Ġorġ huma l-postijiet ideali sabiex tinżera' l-kelma t-tajba anki lil dawk li qajla jirfsu l-għatba tal-knisja jekk mhux għal xi tieġ jew funeral.

Inutli li kif jgħid l-ingliż *'preach to the converted'* għax fejn inkunu se nibqgħu iżda nagħmlu kif għamel Mawmettu li jekk il-muntanja ma tiġix hi, imur hu għand il-muntanja. Nittama li min għandu jifhem, ħa jifhem.

Talent

Lezzjoni oħra li għandna nieħdu mill-personaġġ ta' Ġorġ hi li l-ewwel nett kulhadd hu tajjeb għal xi ħaġa, għandna niskopru t-talent li żejjinna bih Alla u l-iktar importanti, kif jgħid l-istess evanġelju, m' għandiex nitgħażżnu u nidfnuh iżda nużaw it-talenti għall-ġid tagħna u tal-oħrajn. Hekk Ġorġ minkejja li minħabba ċ-ċirkostanzi la kien jaf jikteb u jaqra, uża t-talent tat-taqbil li żejnu bih Alla u użah bl-aktar mod effettiv u b'mod eċċezzjonali għall-ġid tal-oħrajn. Dak eżempju!

Għeluq

Illum għalkemm mgħobbi biz-żmien u bil-mod il-mod is-sahha dejjem qed titilqu, Ġorġ għadu jeżerċità b'dedikazzjoni liema bħalha l-appostolat li fdalu fídejh il-Mulej. Jidher biċ-ċar li m'hemmx għalfejn tkun biċ-ċoqqa jew bil-kullar biex tagħmel ir-rieda tal-ħallieq. Anki il-lajċi huma msejħa għal xi tip ta' vokazzjoni. U Ġorġ, wild din il-Belt, mhux biss wieġeb għas-sejħa iżda qed jaqdiha bl-ikbar dedikazzjoni u qed jagħmel isem mhux biss għalih, għas-soċjeta` mużewmina li tant iħobb iżda wkoll lill-Birgu tagħna u aħna tant kburin bih. Minn hawn nawguraw lil Ġorġ biex sakemm is-sinjur Alla jagħtih is-saħħa ikompli b'din il-ħidma fejjieda b'risq dawk li l-aktar għandhom bżonn.
U hekk hu meta tkun f'xi bar tiehu l-aħħar grokk '*for the road'* jien se nagħmel l-istess, mela għalik biex tomgħod u tixtarr dan il-versett ta' Ġorġ.
'Taqtax qalbek fiċ-ċaqliq, li thobb l-Alla l-isbah triq'.

ATTIVITÀ GĦAX-XAHAR TA' JANNAR - FRAR 2014

L-Erbgħa 1 ta' Jannar	**L-EWWEL TAS-SENA 2014**
Il-Ħamis 2 ta' Jannar	Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Is-Sibt 4 ta' Jannar	Fis-7.30pm Riċeviment tal-Għaqda Każini tal-Banda
Il-Ħadd 5 ta' Jannar	Fl-10.00 am Stedina mill-PN Vittoriosa għal riċeviment
L-Erbgħa 8 ta' Jannar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgħa 10 ta' Jannar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali
Il-Ħadd 12 ta' Jannar	Fid-9.30 am Laqgħa mal-Awdituri
It-Tlieta 14 ta' Jannar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira
L-Erbgħa 29 ta' Jannar	Fis-6.15 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Banda Fis-7.00 pm Laqgħa Ġenerali Annwali
Il-Ġimgħa 31 ta' Jannar	Fis-7.30 pm Pasta Night fil-Każin
It-Tnejn 3 ta' Frar	Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
It-Tlieta 4 ta' Frar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgħa 7 ta' Frar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Billiard
It-Tnejn 10 ta' Frar	**Festa Kmandata SAN PAWL**
L-Erbgħa 12 ta' Frar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira
L-Erbgħa 19 ta' Frar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgħa 21 ta' Frar	Fis-7.00 pm Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Każini tal-Banda
Il-Ħadd 23 ta' Frar	Fid-9.00 am Seminar ta' nofs ta' nhar fil-Coastline Hotel
It-Tlieta 25 ta' Frar	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Seminar
Il-Ġimgħa 28 ta' Frar	Fit-8.00 pm Ikla tal-Karnival

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

56, La Vallette Street, Vittoriosa

Tel: 2180 7535

Tower Ladder

ta' 18-il Metru għall-Kiri

Irrikorru għand:

Paul Cilia

Mob: 9949 9623

Magic Prices

Carmel Street, Fgura

Prop. Kevin Agius

Fejn issib il-ħtiġijiet kollha tad-dar ***bi prezzijiet li ma jitwemmnux.***

Tel. 21 806039

Breakaway Travel
Blacktown

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

Tel: 02 9622 7799
Fax: 02 9671 6706
Mobile: 0408 079 246
Email: gvella@breakawaytravel.com.au

Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta